MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**GRAZIELLA BEZZINA**

Seduta tat-2 ta' Dicembru, 2011

Talba Numru. 145/2011

**GO plc – C22334**

**vs**

**Richard Attard**
**ID284453-(M)**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta’ attrici ddikjarat illi l-konvenut ghandu jhallas lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ erba’ mija disgha u tmenin Ewro u erbgha u sittin centezmu (€489.6c4) liema ammont huwa dovut lis-socjeta’ attrici in konnessjoni ma’ servizz ta’ kommunikazzjoni, bl-akkont numru *AC 40038492* skond diversi kontijiet mibghuta lilu, u skond id-dokumenti hawn annessi. Dok IZY 1 prospett ghas-servizz relattiv u Dok IZY 2 ftehim dwar is-servizz relattiv.

Illi l-konvenut gie interpellat diversi drabi sabiex jghaddi ghall-hlas izda baqa' inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Bl-ispejjez, u bl-imghaxijiet legali kontra l-konvenut ngunt ghas-subizzjoni.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenut gie debitament notifikat bl-Avviz, ma kkontestax il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma deher ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mis-socjeta' attrici u l-fatt li l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondi ghalih, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta' attrici tirrizulta soddisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill- konvenut ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' erba' mija disgha u tmenin Ewro u erbgha u sittin centezmu (€489.64c), bl-imghax kif mitluba. L-ispejjez jkunu a karigu tal-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------